MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 130/2011

**M G**

**vs**

**1. A B (ID410078 (M)**
**2. Direttur tar-Registru Pubbliku**
**3. u b'digriet tal-24 ta' Mejju 2011**
**S G giet nominata bhala kuratur deputat sabiex tirrapprezentaw lill-minuri T**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

**1. ILLI** fis-6 t'April 2011 l-attrici welldet il-minuri T (**Dok.MG1**).

**2.** **ILLI** l-attrici ilha *de facto* separata minn mal-konvenut A B ghal aktar minhn tminn (8) snin, filwaqt li sseparat minnu legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dr. Michael Laferla datat 16 ta' Frar 2011 (**Dok. MG2**).

**3.** **ILLI** peress li l-istess minuri twieldet matul iz-zwieg tal-attrici mal-konvenut A B din giet registrata bhala l-wild naturali tal-istess konvenut A B minkejja li din il-wild m'hiex il-wild naturali tieghu.

**4.** **ILLI** ghalhekk hu mehtieg li jigi dikjarat li l-wild imsemmija m'hiex il-wild naturali tal-konvenut A B izda ta' missier mhux maghruf.

**5.** **ILLI** jehtieg ghalhekk li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri registrat mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku.

**6.** ILLI ghalhekk kellu jigi ntavolat dan ir-rikors guramentat.

Talbet ghar-ragunijiet fuq imsemmija li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna :

**1.** **TIDDIKJARA** u **TIDDECIEDI** illi l-imsemmija minuri T B m'hiex it-tifla naturali tal-konvenut A B izda ta' missier mhux maghruf b'mod ghalhekk illi hemm lok ghall-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri f'dan is-sens.

**2.** **TORDNA** ghalhekk id-debita korrezzjoni fl-atti tat-twelid ta' l-imsemmija minuri.

**BL-ISPEJJEZ** kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut A B, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi l-konvenut ma jopponix t-talbiet peress illi huma fondati fil-fatt u fid-dritt b'dan pero', illi tenut kont taċ-cirkostanzi, l-eccipjent ma ghandux jbati spejjes tal-kawza;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut A B;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi in vena preliminari, l-esponent jirrileva li, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri T, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba għandhom ikunu l-aħjar u kif ukoll sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

2. Illi madankollu mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti jeħtieġilha illi tipprova l-impossibilità fiżika tal-konġunġiment bejnha u bejn żewġha A B u dan tul il-perijodu li jispeċifika **l-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll tegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri T ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha bin-numru ta' iskrizzjoni 1299 tas-sena 2011;

4. Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess, f'każ li jiġu superati l- eċċezzjonijiet fuq imsemmija, l-esponenti xorta waħda jħoss li huwa fl-aħjar interess tal-minuri T, li r-rikorrenti tispeċifika min huwa l-isem eżatt tal-allegat missier naturali ħalli b'hekk dan ikun jista' jiġi msejjaħ fil-kawża anke bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili**. Di fatti huwa opportun li

jekk il-minuri ħa titlef l-istat ta’ iben imwielda u mnissla fiż-żwieġ talanqas għandha tkun taf min huwa l-missier naturali tagħha;

5. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir ta’ l-esponent u għaldaqstant huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat illi l-attrici xehdet illi ilha legalment separata minn mal-konvenut A B permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali datat 16 ta’ Frar 2011 u illi qabel din id-data kienet ilha de facto separata minn mal-konvenut A B u ‘il boghod minnu ghal aktar minn tmien snin qabel u cioe’ mill-2003. Hija xehdet illi fis-6 ta’ April 2011 twieldet il-minuri T u din mhijiex il-wild naturali tal-konvenut A B. Hija xehdet bil-gurament taghha li ma tafx min hu missier it-tarbija, peress illi kellha diversi relazzjonijiet u peress illi ma tafx min hu missier it-tarbija, it-tarbija trid tkun imnizzla unknown father.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat ir-rapporti xjentifici tad-DNA illi gew ipprezentati u ikkonfermati bil-gurament fit-13 ta’ Frar, 2012.

Illi biex saru dawn it-testijiet ittiehdu il-kampjuni orali tal-attrici, tal-minuri T B u tal-konvenut A B u irrizulta illi l-imsemmija minuri mhijiex it-tifla biologika tal-konvenut A B.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, filwaqt illi tara illi l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku gew sorvolati u dana peress illi gie ippruvat permezz tar-rapporti xjentifici illi saru illi l-imsemmija minuri mhijiex il-wild biologiku tal-konvenut A B, fir-rigward tar-raba eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, rat illi l-attrici xehdet bil-gurament taghha illi ma tafx min hu il-missier naturali tal-minuri.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija minuri T B mhijiex it-tifla naturali tal-konvenut A B izda ta’ missier mhux maghruf, b’mod illi hemm lok ghall-korrezzjoni ta’ l-att tat-twelid ta’ l-imsemmija minuri f’dan is-sens. Ghalhekk il-Qorti qeghda tordna id-debita korrezzjoni fl-atti tat-twelid ta’ l-imsemmija minuri.  Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------